MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 921/2006

**Roland Camilleri;**
**Malcolm Bezzina; u**
**Peter Tonna**

**vs**

**Noel Grima fil-kwalita' tieghu ta' Editur tal-gurnal The Malta Independent on Sunday u Standard Publications Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Roland Camilleri, Malcolm Bezzina u Peter Tonna fejn dawn, wara li ppremettew illi:

Ir-rikorrenti huma l-awturi ta' diversi xogholijiet artistici u konsistenti f'fotografiji, liema xogholijiet artistici jgawdu d-drittijiet tal-awtur bis-sahha tal-Artikoli 3 u 4 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

Uhud minn dawn ix-xogholijiet tar-rikorrenti jinstabu fuq diversi siti tal-internet, fosthom is-sit *www.airliners.net* u s-sit *www.jetphotos.net*, u dan fuq l-inizjattiva individwali tal-istess rikorrenti;

Fuq dawn is-siti, kull ritratt huwa akkumpanjat minn diversi dettalji, fosthom il-pajjiz ta' fejn ittiehed ir-ritratt u d-data li fih ittiehed, kif ukoll id-dettalji tal-awtur u mezz sabiex il-vizitatur ikun jista' facilment jikkomunika mal-awtur;

Inoltre, fuq is-sit *www.airliners.net*, kull ritratt huwa distintament immarkat bil-kliem: "*Photo Copyright © [isem l-awtur]*", filwaqt li fuq is-sit www.jetphotos.net, kull ritratt huwa distintament immarkat bil-kliem: "*Image Copyright © [isem l-awtur]*";

Fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2005, esebit bhala Dok. A gie ppublikat ritratt ta' liema r-rikorrenti Malcolm Bezzina huwa l-awtur, liema ritratt kien relatat ma' artikolu bl-isem ta' "*More evidence of CIA landings in Malta surfaces*";

Fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday tal-hdax (11) ta' Dicembru 2005, esebit bhala Dok. B, gew ippublikati ritratti ta' liema r-rikorrenti Roland Camilleri u Peter Tonna huma awtur, liema ritratti kienu relatati ma' artikolu bl-isem ta' "*More CIA stopovers uncovered, government still silent*";

Ir-ritratt li tieghu ir-rikorrenti Peter Tonna huwa awtur gie ukoll ippublikat fuq is-sit tal-internet tal-gazzetta The Malta Independent on Sunday, u cioe' s-sit *www.independent.com.mt* fir-rigward tal-istess artikolu;

L-istess xogholijiet artistici li taghhom ir-rikorrenti huma l-awturi gew ippublikati minghajr il-kunsens jew l-awtorizazzjoni tal-istess rikorrenti li fihom huma vestiti d-drittijiet tal-awtur u ghalhekk l-istess att da parti tal-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi kontravvenzjoni tad-

drittijiet tal-awturi rikorrenti ai termini tal-Artikolu 42 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-kontravvenzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti fil-kwalita' taghhom ta' awturi tal-istess xogholijiet artistici;

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent Roland Camilleri huwa l-awtur tax-xoghol artistiku konsistenti fir-ritratt esebit u mmarkat bhala Dok. C, illi r-rikorrent Malcolm Bezzina huwa l-awtur tax-xoghol artistiku konsistenti fir-ritratt esebit u mmarkat bhala Dok. D u illi r-rikorrent Peter Tonna huwa l-awtur tax-xoghol artistiku konsistenti fir-ritratt esebit u mmarkat bhala Dok. E;

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom, ippublikaw, minghajr il-kunsens jew l-awtorizazzjoni tar-rikorrenti fil-kwalita' taghhom ta' awturi tal-istess xogholijiet artistici, xogholijiet artistici li taghhom ir-rikorrenti huma rispettivament l-awturi u fil-konfront ta' liema xogholijiet artistici r-rikorrenti jgawdu d-drittijiet konferiti lilhom ai termini tal-Artikoli 3 u 4 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara u tiddeciedi illi tali att jikkostitwixxi kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awturi rikorrenti ai termini tal-Artikolu 42 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalihom huma responsabbli l-intimati jew min minnhom;

Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, id-danni u/jew penali li din il-Qorti jidhrilha xierqa wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll tordna lill-intimati jew min minnhom jirrestitwixxu favur ir-rikorrenti l-qliegh kollu li l-intimati jew min minnhom ghamlu minn tali kontravvenzjoni, dan ai termini tal-Artikolu 43(1) tal-Att dwar Id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-intimati jhallsu dik is-somma rapprezentanti danni, penali u r-restituzzjoni tal-qliegh hekk likwidat;

Tikkundanna lill-intimati, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u b'mod partikolari il-flagranza tal-kontravvenzjoni, jhallsu lir-rikorrenti dawk id-danni addizzjonali lilhom dovuti ai termini tal-Artikolu 43(2) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Noel Grima fil-kwalita' tieghu ta' Editur tal-gurnal The Malta Independent on Sunday u Standard Publications Limited li eccepixxa illi:

It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

Filwaqt li huwa inkontestat li r-ritratti in kwistjoni gew ippublikati, dawn gew ippubblikati minn website pubbliku u accessibbli ghal kulhadd;

Ir-ritratti in kwistjoni ghalhekk jekk inhuma tal-atturi kienu diga' disponibbli ghall-pubbliku peress li gew ippubblikati fil-websites indikati mir-rikorrenti fir-rikors taghhom kif ukoll setghu gew riprodotti f'websites ohrajn;

Jekk l-intimati naqsu li jindikaw l-origini u l-isem tal-awtur tar-ritratti in kwistjoni, dan sar bi zvista u bl-ebda malintiz jew skop ekonomiku;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghad-danni jew penali ma tistax tintlaqa' stante li l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-ritratti ma fiha l-ebda sinifikat ekonomiku indipendenti;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghar-restituzzjoni mill-intimati tal-qliegh kollu li allegatament iggenerat din il-pubblikazzjoni

ma tistax tintlaqa' peress li ma sar l-ebda profit minn din il-pubblikazzjoni u dan ghaliex il-pubblikazzjoni in kwistjoni ma fiha l-ebda sinifikat ekonomiku indipendenti;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghall-hlas ta' danni addizzjonali ai termini tal-Artikolu 43(2) tal-Kap. 415 m'ghandhiex tintlaqa' stante li ma soffrew l-ebda danni u ma tissussistix dik il-flagranza tal-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur kif kontemplata fl-istess artikolu citat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti biex jixhdu viva voce.

Ikkunsidrat l-affidavit kollha pprezentati.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fatti

Illi l-fatti kif jirrizultaw mill-atti tal-kawza juru illi r-rikorrenti huma tlett fotografi b'interess partikolari fil-qasam tal-avjazzjoni. Bhala tali huma ghandhom inkluzi xogholijiet taghhom f'diversi siti fuq l-internet. L-intimat Grima, bhala editur tal-gazzetta "The Malta Independent on Sunday" fil-harga tal-11 ta' Dicembru 2005 u fil-harga tas-27 ta' Novembru 2005, in relazzjoni ma' artiklu intitolat "More CIA stopovers uncovered, government still silent", liema artiklu bir-ritratt kien inkluz ukoll fuq il-website tal-istess gazzetta, ippubblika l-istess ritratti li kienu gew mehuda mis-siti elettronici "www.jetphotos.net" u "www.airliners.net" fejn kienu gew imdahhla mir-rikorrenti. L-istess rikorrenti jsostnu li l-kunsens taghhom ghall-pubblikazzjoni tar-ritratti qatt ma nkiseb u ghalhekk issa qed jitolbu r-rimedji li tipprovdi l-ligi ghall-kazijiet ta' ksur tad-dritt ta' awtur. L-editur tal-gazzetta jilqa' ghall-kawza principalment billi jsostni illi r-ritratti de quo ittiehdu minn website pubbliku li hu accessibbli ghal kulhadd u ghalhekk disponibbli ghall-pubbliku.

Konsiderazzjonijiet

Id-dritt tal-awtur fuq fotografiji huwa protett bil-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta.

Art. 2 tal-imsemmija ligi jiddefinixxi li "xoghol artistiku" jinkludi, irrispettivament mill-kwalita' artistika, kull wiehed minn dawn li gejjin, jew xogholijiet simili ghalihom; ..... (d) fotografiji mhux inkluzi f'xoghol awdjoviziv.

Art. 3 tal-istess Kap. 415 jghid hekk:

"*(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet, ix-xogholijiet li gejjin ikunu eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur -*

*a. xogholijiet artistici;*

Stabbilit dan il-principju fil-ligi, ir-rikorrenti kellhom l-oneru li jippruvaw li kienu huma l-awturi tax-xogholijiet in kwistjoni. Fil-fehma tal-Qorti, dawn irnexxielhom, kemm permezz tal-affidavit rispettivi taghhom stess, kif ukoll permezz tal-prova tar-rikonoxximent taghhom bhala l-awturi da parti tal-istess siti specjalizzati fejn, abbinati ma' kull ritratt jidhru l-isem tal-fotografu u l-kelma "copyright". Din il-prova ma giet imxejna bl-ebda mod mill-intimat.

L-intimat Noel Grima isostni li, ukoll jekk kienu awturi originali tar-ritratti, ir-rikorrenti ma kellhomx dritt li jitolbu l-kunsens ghall-uzu tal-istess ritratti galadarba dawn kienu facilment accessibbli fuq websites miftuha fuq l-internet. Dan l-argument, fil-fehma tal-Qorti, ma jregix. Il-fatt li xoghol artistiku huwa accessibbli ghall-pubbliku bl-ebda mod ma jfisser li d-dritt tal-awtur kif protett mil-ligi gie fix-xejn. Tali argumentazzjoni, kieku kellha tigi accettata, twassal ghas-sitwazzjoni assurda li awtur li, per ezempju, jdendel pittura f'mostra, ma jibqaghlu ebda dritt fuqha – l-istess jigrilu skultur li jkollu skultura mqieghda fi pjazza.

L-accessibilita' generali ta' xoghol ta' awtur ma tfissirx li issa dahal fil-"public domain".

L-izvilupp teknologiku fenomenali li huwa l-internet biddel il-hsieb dwar kull parametru ezistenti ta' pubblicita'. Din il-bidla profonda qeghda twassal ghall-interpretazzjonijiet godda taht lentijiet godda ta' drittijiet u obbligi tutelati mil-ligijiet kemm dawk domestici kif ukoll internazzjonali. L-internet huwa mezz ta' komunikazzjoni li bidel kull sfera tal-hajja ta' kull bniedem izda li, madanakollu, minkejja l-universalita' tieghu, m'huwiex gungla bla regoli. Bhala tali ghalhekk, l-utent, m'huwiex ezentat mill-obbligi tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis il-fotografi rikorrenti ma kellhom ebda dritt imnaqqas lilhom bil-pubblikazzjoni tar-ritratti taghhom fuq sit tal-internet, aktar u aktar meta l-awturi tar-ritratti qeghduhom hemm huma stess u huma pubblikament rikonoxxuti bhala tali fuq l-istess siti, li ukoll jipprovdi mezz ta' kif wiehed jista' jikkomunika mal-fotografu u jwissi bla tlaqliq illi:

"*All photos are copyright © to their respective photographers and may not be used without proper permission. Airliners.net is not affiliated with any entity mentioned or pictured herein. All trademarks are the property of their respective owners.*"

Kif ukoll:

"***All photos on this site are protected by international copyright laws**. You have **limited** rights to personally view the images with your web browser and to use them as your personal computer wallpaper (or background image) on your own computer. These photos may not otherwise be reproduced, distributed, cropped, resized, or otherwise altered without the written permission of the photographer. No commercial use of these photos may be made in any way. All rights reserved.*

***You may not use these photos on any web page, commercial or non-commercial, for profit or non-profit, without written permission from the photographer**. You may however link to the photos in the manner described below.*"

Il-Qorti qieset ukoll illi ir-rikorrenti ma taw ebda permess lill-gazzetta biex tuza r-ritratti. Roland Camilleri jixhed hekk:

"*Jiena ma tajt l-ebda awtorizazzjoni lil Standard Publications Limited jew lill-Editur tal-gurnal The Malta Independent on Sunday sabiex jaghmlu uzu minn dan ir-ritratt li tieghu jiena awtur, u senjatament id-dokument immarkat bhala Dok. C mar-rikors guramentat. Huwa ghalhekk evidenti illi l-istess ritratt gie 'downloaded' mis-sit elettroniku www.airliners.net u uzat kummercjalment fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday tal-hdax (11) ta' Dicembru 2005 minghajr il-kunsens u awtorizazzjoni tieghi.*

*In segwitu ghal din il-harga, kien hemm skambju ta' korrispondenza permezz ta' e-mails mal-Managing Director ta' Standard Publications Limited, kopja ta' liema e-mails qieghed nehmez mal-prezenti u nimmarka bhala Dok. RC2 sa Dok. RC11. Minn dak li spjegajt hawn fuq u d-dokumenti li esebejt ma jibqax dubju, fil-fehma tieghi, illi hafna mill-kontenut tal-e-mail ta' Noel Azzopardi datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2005 u mmarkata bhala Dok. RC9 huwa inveritier u skuzi sabiex l-istess jezoneraw ruhhom mir-responsabilita' taghhom. Fil-fatt, minkejja li kont tlabt kumpens, jiena qatt ma rcevejt ebda kumpens minghand l-Editur ta' The Malta Independent on Sunday jew minghand Standard Publications Limited talli l-istess illegalment u abbuzivament rriproducew u uzaw b'mod kummercjali ritratt li tieghu jien l-awtur.*"

Peter Tonna jikkonferma:

"*Jiena ma tajt l-ebda awtorizazzjoni lil Standard Publications Limited jew lill-Editur tal-gurnal The Malta Independent on Sunday sabiex jaghmlu uzu mir-ritratt li tieghu jiena awtur. Huwa evidenti ukoll illi l-istess ritratt gie 'downloaded' mis-sit elettroniku www.airliners.net u ppubblikat fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday tal-11 ta' Dicembru 2005 kif ukoll fuq is-sit elettroniku tal-istess gazzetta minghajr il-kunsens u awtorizazzjoni tieghi.*

*In segwitu ghal din il-harga, kien hemm skambju iehor ta' korrispondenza permezz ta' emails mal-Managing Director ta' Standard Publications Limited, kopja ta' liema emails gew esebiti minn Roland Camilleri u mmarkati bhala Dok. RC2 sa RC11. minn dak li spjegajt hawn fuq u d-dokumenti li esebejt ma jibqax dubju, fil-fehma tieghi, illi hafna mill-kontenut tal-email ta' Noel Azzopardi datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2005 u mmarkata bhala Dok. RC9 huma inveritier u skuzi sabiex l-istess jezoneraw ruhhom mir-responsabilita' taghhom. Fil-fatt, minkejja li kont tlabt kumpens, jiena qatt ma rcevejt ebda kumpens minghand l-Editur ta' The Malta Independent on Sunday jew Standard Publications Limited talli l-istess illegalment u abbuzivament rriproducew u uzaw b'mod kummercjali ritratt li tieghu jien l-awtur.*"

Malcolm Bezzina sahansitra intalab jaghti l-kunsens tieghu u addirittura rrifjuta. Huwa jghid hekk:

"*Nispjega illi l-awtur David Lindsay kien ghamel kuntatt mieghi telefonikament u anke staqsieni kontx l-istess Malcolm Bezzina l-awtur tar-ritratt in kwistjoni. Meta kkonfermajtlu li kont jien dak il-Malcolm Bezzina huwa qalli: "I was worried not to be you but I have the right person now." David Lindsay staqsieni jekk jistax jippubblika ir-ritratt tal-esebit bhala Dok. D li kien jidher fuq is-sit www.jetphotos.net fil-harga ta' The Malta Independent on Sunday. Jien kont staqsejtu l-mertu tal-artikolu li mieghu kien ser ikun abbinat dan ir-ritratt u qalli li kien qieghed ihejji artikolu fuq is-CIA f'Malta. Jiena mill-ewwel irrifjutajt il-kunsens, u dan peress li n-natura u suggett li huwa kien qieghed jikteb dwaru ma ghandu x'jaqsam xejn mar-ritratti u anke peress illi s-suggett kien xi ftit jahraq. Barra minn hekk jien sfajt vittma ta' tghajjir minghand shabi Amerikani peress li dawn hasbu li jien kont komplici ma' dan David Lindsay meta fil-fatt jien kont esplicitament rrifjutat il-kunsens tieghi. Lil David Lindsay kont ghidtlu ukoll li dawn l-affarijiet isiru bil-kitba u bl-emails u mhux bit-telephone. Huwa baqa' jinsisti mieghi biex juza' dan l-istess ritratt izda jien bqajt ninsisti li m'ghandux awtorizazzjoni juzah.*"

L-imsemmi Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi rimedju kif gej:

"*43(1) – Meta xi hadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis fuq xi xoghol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet, jigi kundannat mill-Qorti Civili, Prim'Awla ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta' penali li tigi stabbilita skond skala ta' multi li tigi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz, jidhrilha xieraq, u ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis.*"

Sabiex jigi stabbilit ir-rimedju li din il-Qorti ghandha taghti lir-rikorrenti, il-Qorti qieset illi l-poter li l-ligi taghti lill-Ministru sabiex jistabilixxi skala ta' penali ghadu qatt ma gie ezercitat. Qieset ukoll illi m'huwiex possibli jigi kwantifikat il-qliegh zejjed li setghet ghamlet il-gazzetta rizultat tal-pubblikazzjoni tar-ritratti.

Lanqas ma ngabet mill-istess fotografi, prova konkreta ta' kemm huma normalment ibieghu l-koncessjoni tar-riproduzzjoni tar-ritratti minnhom mehuda. Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda, *arbitrio boni viri*, tiffissa ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) kumpens ghal kull fotografu.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Grima;

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba;

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens illi tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) kull wiehed;

5. Tilqa’ l-hames talba u tikkundanna lill-intimat Noel Grima jhallas lir-rikorrent l-ammont ta’ erba’ mitt Ewro (€400) kull wiehed;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------